MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 781/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Nigel Zammit ta' 24 sena, iben Eugenio u Maria Concetta xebba Parsons, imwieled Pieta ` nhar it-22 ta' Jannar, 1988, residenti Pinto, Blk 7, 7. Triq Pietro Floriani, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita numeru 69388M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Floriana, nhar id-29 ta' Lulju, 2012, ghal habta tal-05.00 ta' filghodu:

1. Ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Emanuela Parsons (axxendenti tieghu), persuna li ghalqet l-eta ta'

sittin sena, liema offizi jitqiesu li huma gravi skond kif iccertifika Dr. Clive Gauci M.D.

2. aktar talli ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenzi ta' sena u nofs prigunierija sospiza ghal erbgha snin, moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar it-12/04/2010.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-2 ta' Novembru, 2012;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u l-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu hlief ghat-tieni akkuza billi din diga ghaddiet in gudikat u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt illi l-vittma u cioe` in-nanna tal-imputat hafritlu ghall-incident u dan kif jirrizulta mix-xhieda taghha tal-20/05/2013. Inoltre l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tal-alkohol u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Carmen Borg u Stephanie Caruana (SEDQA) mghotija llum stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b), 202(1)(a), 222A(1), 49, 50 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal

tmintax (18) il-xahar prigunerija  filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza billi din ghaddiet in gudikat.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghat l-kura kollha mehtiega biex isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-alkohol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------